# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2726

**Kaz Numru 3525/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Justin Camilleri**

**u**

**Ministeru Ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum it-Tlieta 4 ta' Mejju, 2021

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' lment ipprezentat minn Dottor Mark Refalo ghan-nom tar-rikorrent, Justin Camilleri, fir-Registru Superjuri, fl-20 ta' Jannar 2017. Illi r-rikorrent qieghed issostni li t-tkeccija tieghu kienet ingusta u kif ukoll li allegatament gie trattat b'mod diskriminatorju. L-istess rikorrent talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-Ministeru ntimat ivvjola l-principju ta' non-diskriminazzjoni stabbilit fir-Regolament Dwar Kuntratti ta' Servizzi ghal Terminu ta' Zmien Fiss (S.L. 452.81), jiddikjara li konsegwentment il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrent gie tterminat b'mod abbusiv, u li jaghti dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni nkluz li r-rikorrent jerga' jigi *reinstated* u l-hlas tas-salarju li kien dovut u/jew kumpens xieraq skont il-ligi li jkopri l-perjodu sa Lulju 2017 u dan bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-pagament ghat-terminazzjoni abbuziva tal-impjieg tar-rikorrent.

Illi mill-banda l-ohra l-Ministeru ntimat, irribatta dak riportat fl-ilment tar-rikorrent, permezz ta' Dikjarazzjoni tal-kaz datata 27 ta' Frar 2017, intavolata mid-Dottoressa Nadya Bezzina Fiott, fejn giet eccepita l-inkompetenza *ratione materie* tat-Tribunal u dan ai termini tal-artikolu 75 (1) tal-Kap 452 u dan stante l-fatt li d-dritt li pretiz mir-rikorrent kien jaqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku u dan a tenur ta' artikolu 109 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Ministeru ntimat eccepixxa wkoll li dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni mressqa mir-rikorrent u dan peress li d-dritt ta' procedura kif pretiza mir-rikorrent hija regolata permezz ta' L.S. Kost. 03., u cioe` r-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Illi ghal din ir-raguni dan it-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht l-imsemmija Kummissjoni, u ghandu jizgura li ma jkunx

hemm indhil fuq il-funzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ai termini ta' artikolu 80 (2) tal-Kap 452. In oltre gie eccepit ukoll, in via preliminari, mill-Ministeru ntimat, li regolament 4 tar-Regolamenti Dwar il-Kuntratti ta' Servizzi ghal Terminu ta' Zmien Fiss (S.L. 452.81) ma japplikax ghall-kwistjoni tar-rikorrent ai termini tar-regolament 3 (b) tal-istess L.S. 452.81 u dan stante li huwa kien impjegat b'kuntratt ta' servizz ghal zmien fiss ghall-inkargu b'responsabbilitajiet jew objettivi ta' xoghol partikolari ghal perjodu li ma jeccedix l-erba' snin.

In oltre, gie wkoll sostnut fid-Dikjarazzjoni tal-Ministeru ntimat li l-allegazzjonjiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt li l-impjieg tar-rikorrent ntemm in piena konformita` mall-kuntratt ta' mpjieg iffirmat mill-istess rikorrent u l-Gvern ta' Malta tad-29 ta' Frar 2016. Illi fl-istess kuntratt hemm stipulat fi klawsola numru 12 li jaghti d-dritt lill-Gvern sabiex ikun jista' jittermina l-istess kuntratt "*at any time on one month's notice in writing or a payment of two week's salary*", u dan ukoll kien japplika ghall-istess rikorrent, u cioe` li seta' jtemm l-impjieg tieghu bl-istess kundizzjoni.

Il-Ministeru ntimat jsostni ukoll li r-rikorrent ma kkonduciex prestazzjonjiet lavorattivi b'diligenza bhala *bonus pater familias* u dan skont l-artikolu 1132 (1) tal-Kodoci Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghall-kuntratti in generali, u kif ukoll skont klawsola numru 11 tal-kuntratt ta' mpjieg bejn ir-rikorrent u l-Gvern ta' Malta. Illi di piu', l-inadempiment kuntrattwali mir-rikorrent gab telf ta' fiducja b'mod li jitqies bhala motiv gustifikat it-terminazzjoni tal-impieg tal-istess rikorrent ai termini ta' klawsoli numri 11 u 12 tal-kuntratt ta' mpjieg.

Illi l-Ministeru ntimat sostna fid-Dikjarazzjoni tieghu li ghall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso,* li f'kaz li jintlaqghu l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrent it-talba ghall-hlas ta' salarju sa Lulju 2017 bl-imghax f'kull kaz hija nfondata u ma ghandhiex tintlaqa' minn dan it-Tribunal.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tmien (8) seduti b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati mill-kontendenti partijiet.

In oltre, permezz ta' nota datata 9 t'Ottubru 2017, il-Ministeru ntimat irtira l-ewwel zewg eccezzjonjiet preliminari fir-Risposta tieghu ntavolata fis-27 ta' Frar 2017.

Di piu', saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bidla fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta' differimenti.

Illi, r-rikorrent kien rapprezentat mill-Avukat Dottor. Mark Refalo, mentri l-Ministeru ntimat kien rapprezentat mill-Avukati, Dottoressa Roma D'Alessandro, Dottoressa Fiorella Fenech Vella, u Dottoressa Nadia Bezzina Fiott.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrent kien gie ngaggat mall-Ministeru ntimat, bhala persuna ta' fiducja (*person of trust),* b'effett mill-ewwel (1) ta' Marzu 2016, bhala *Media Accreditation Executive* fi hdan il-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali. Dan il-kuntratt definit kien ghal zmien sena u dan skont l-Avviz Legali 51/2007 u li kien gie amendat bl-Avviz Legali 239/2008. Il-ftehim huwa anness mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Ministeru ntimat u mmarkat bhala Dok. 'A'.

Illi r-rikorrent permezz ta' ittra gie nformat li dan il-kuntratt gie tterminat b'mod hesrem fl-20 ta' Settembru 2016 u kif ukoll inghata il-hlas ta' gimghatejn paga.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol tharrku diversi xhieda fosthom diversi ufficjali tal-Ministeru ntimat, rapprezentanti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (P.S.C) u r-rikorrent innifsu.

Illi fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2017, xehdu Ms. Christine Madiona u Ms. Bernardette Ellul Felice, prodotti mill-Ministeru ntimat. Fix-xiehda ta' Ms. Christine Madiona, u li ghandha l-kariga ta' Director Managment Support mas-Segretarju Principali Permanenti fl-ufficju tal-Prim Ministru, spjegat dwar il-posizzjoni tar-rikorrent u dwar il-kuntratt ta' mpieg tieghu. Din ix-xhud sostniet li dan il-kuntratt tar-rikorrent kien ghal perjodu ta' sena mil-1 ta' Marzu 2016 sat-28 ta' Frar 2017, fuq kuntratt ta' "*specific position of trust*"[1].

F'dawn it-tip ta' kuntratti hemm erba' kategorji li huma dawk ingaggati bhala staff mas-Segretarjat, hemm dawk ingaggati bhala mall-Ministeru tal-*Istragetic Unit*, hemm dawk bhala Konsulenti (*Advisors*) li jkunu mad-Dipartimenti fil-Ministeri, u hemm dawk bhala *Specific Positions* li jkunu ngaggati ghall-posizzjonijiet specifici.

Din tal-ahhar (*specific person of trust*) hija l-posizzjoni li kien ingaggat ir-rikorrent bhala *Media Accreditation Executive*. Ix-xhud spejgat li dawn it-tip ta' kuntratti jistghu jigu terminati mill-Gvern billi javza fi zmien xahar jew hlas ta' gimghatejn paga. Fil-kaz tar-rikorrenti, abbazi ta' klawsola 12 tal-kuntratt ta' mpieg tieghu dan seta' jsir, u kif ukoll li ma hemmx bzonn li tinghata raguni.

In kontro-ezami x-xhud wiegbet li ma kinietx konxja tal-fatt li dawn il-klawsoli kienu jiksru l-Kostituzzjoni ta' Malta u dan skont kif irrakkomanda l-Ombudsman. In oltre, x-xhud wiegbet fl-affermattiv li dan il-kuntratt tar-rikorrent jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 51 tal-2007 (Regolamenti ta' l-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz Ghal Terminu ta' Zmien Fiss). Dan l-Avviz Legali huwa elenkat fi-klawsola numru 4.2 tal-kuntratt tal-impieg tar-rikorrent.

Fl-istess seduta xehdet ukoll Ms. Bernardette Ellul Felice, u li dakinhar kienet tokkupa l-kariga ta' Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, fi hdan il-Ministeru ntimat. Din ix-xhud ukoll spjegat dwar il-

[1] Seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, xiehda ta' Christine Madiona, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

kariga tar-rikorrent u li l-istess rikorrent kien ingaggat bhala *Media Accreditation Executive* ghal zmien il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew f'Malta li sar 2017[2].

Din ix-xhud, bhala x-xhud ta' qabilha spjegat li dan il-kuntratt seta' jigi tterminat "*at any time*" u minghajr ma tinghata raguni, billi jinghata xahar notice jew gimaghtejn paga. Fil-kaz in dezamina r-rikorrent kien inghata gimghatejn paga. Dan il-kuntratt kien gie ffirmat mis-Segretarju Permanenti, s-sur Paul Zahra, li kien jokkupa tali kariga fil-perjodu msemmi u mid-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, ta' dak il-perjodu wkoll, is-sur Anthony Gatt[3].

Fis-seduta tas-16 ta'Jannar 2018 xehdet in kontro-ezami s-sinjura Bernardette Ellul Felice, u kif ukoll ir-rapprezentanta legali tal-Ministeru ntimat iddikjarat l-eghluq tal-provi dwar it-tielet eccezzjoni preliminari. Din l-eccezzjoni preliminari titratta Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Regolamenti Dwar il-Kuntratti ta' Servizzi ghal Terminu ta' Zmien Fiss (S.L. 452.81), u li din ma tapplikax ghall-kwistjoni tar-rikorrent ai termini tar-regolament 3 (b) tal-istess L.S. 452.81.

Fil-kontro-ezami taghha, x-xhud s-sinjura Ellul Felice, wiegbet ghad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrent, fejn gie mistoqsi lilha jekk kienx hemm xi twissijiet bil-miktub fil-konfront tar-rikorrent. Ix-xhud spjegat li fil-fajl tar-rikorrent kien hemm referenza ghar-rapporti u ghal xi laqghat mas-superjuri tar-rikorrent. Ix-xhud sostniet li min ikun impjegat bhala persuna ta' fiducja il-fajl tieghu jinzamm bhal ma jinzamm tal-ufficjali pubbliki l-ohra. Ix-xhud, ghad-domanda jekk kienx hemm il-htiega li jiehdu xi forma ta' azzjoni dixxilpinarja jew jaghtu twissja kemm verbali jew bil-miktub, wiegbet li min ikun f'posizzjoni kif inhu r-rikorrent (*position of trust*) ma hemmx il-htiega li tinghata twissja (*warning*), la verbali u lanqas bil-miktub, u dan ghax mhijiex il-prassi ghal dik il-posizzjoni. Ix-xhud sostniet ukoll li fl-istess kuntratt ta' mpieg tar-rikorrent hemm stipulat li min ikun ingaggat bhala persuna ta' fiducja ma hemmx twissijiet (*warnings*), izda li persuna f'din il-kariga tista' titkecca mill-ewwel[4].

Ix-xhud sostniet ukoll li "*this goes both ways, igifieri jekk l-individwu jiddeciedi li jitlaq, mill-job*"[5]. Ix-xhud sahqet li kull ma jrid jaghti hu biss xahar *notice* jew gimghatejn paga. In ri-ezami x-xhud ikkonfemat li s-superjuri taghha kienu kellmu lir-rikorrent u dan peress li l-agir tieghu fuq il-post tax-xoghol ma kienx tajjeb.

Ix-xhud spjegat ukoll li kellha tigi ngaggata persuna ohra bl-istess kariga (*position of trust*) minflok ir-rikorrent, u li l-istess rikorrent kien inghata doveri ohra, peress li kellu problema ta' *teamwork.* Ix-xhud qalet li dan tafu mill-fajl tar-rikorrent u li ma kinietx prezenti ghal-laqghat li kienu saru minhabba r-rikorrent. Dwar l-ingagg tal-persuna li giet ingaggata x-xhud qalet li t-talba li saret ghal dan l-ingagg kienet responsabbilita` tad-dipartiment taghha.

---

[2] Seduta 10 ta' Ottubru 2017, xiehda ta' Bernardette Ellul Felice, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

[3] Ibid.

[4] Seduta 16 ta' Jannar 2018, xiehda in kontro ezami Bernadette Ellul Felice, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

[5] Ibid, pagna 9 tat-tarskrizzjoni.

Ix-xhud spjegat ukoll li dawn il-kuntratti ghal persuni ta' fiducja jkunu b'kariga specjali ghal dik il-persuna li tigi ngaggata, jkollha rwol specifiku[6].

Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2018 xehed bil-gurament ir-rikorrent, Justin Camilleri, li kien ezaminat mill-konsulent legali tieghu stess, l-avukat Mark Refalo. Ir-rikorrent spjega minn meta kien impjegat u x'kienet il-kariga tieghu mall-Ministeru ntimat. Ix-xhud sostna li hu kien jokkupa l-kariga ta' *Media Accredititaion Officer* mill-ewwel ta' Marzu 2016. Qal ukoll li bhala team kienu bdew madwar tlieta jew erbgha izda maz-zmien kienu bdew jizdiedu peress li kienu gew impjegati aktar nies. Sa Gunju l-ammont ta' nies li kienu mpejgati f'dan ir-rwol kien tela' ghal ghoxrin persuna.

Ix-xhud spjega ukoll li peress li kien hemm dawn in-nies kollha hu kien inghata r-rwol ta' *Media Monitoring*. Ix-xhud sahaq li hu qatt ma kien inghata xi twissijiet mid-direttur tieghu Charles Mizzi, li kien id-Direttur tal-*Marketing*. Ir-rikorrent spjega li hu kien ikollu kuntatt kontinwu ma' Charles Mizzi u qatt ma gibidlu l-attenzjoni dwar xi lmenti jew tah xi twissija (*warning*).

Ir-rikorrent dwar it-terminazzjoni tieghu, li sehhet fit-23 ta' Settembru 2016, sostna li s-sur Mizzi kien prezenti dakinhar tat-terminazzjoni tieghu pero` ma kienx tah informazzjoni ta' xejn, kien qallu biss li kien hemm xi lmenti fil-konfront tieghu[7].

Fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2018, tharrket Ms. Angele Cilia Degiorgio, rapprezentanta tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, u li tokkupa l-kariga ta' *Complaince Officer*. Din ix-xhud wiegbet ghad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrent, u kif ukoll ipprezentat dokument (Dok. 'ACD'), li hu estratt mid-*database* tal-Gvern li jindika li r-rikorrent ma kienx impjegat mas-Servizz Pubbliku izda bhala "*Non-Public Officer*"[8].

Din ix-xhud spjegat li r-rikorrent ma kienx jaqa' taht il-kompetenza tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, u dan peress li ma kienx ingaggat tramite l-istess Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. In oltre, din ix-xhud sostniet li impjiegi bhal dak li kellu r-rikorrent ma kienx japplika ghalih il-*Public Service Management Code*.

Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2018 gew ipprezentati 3 dokumenti mir-rikorrent, Dok. 'JC1', estratt mill-*Public Service Code*, Dok. 'JC2', Estratt mill-*Manual of Resourcing Policies and Procedures (Last upadated 27th June 2018)* u Dok. 'JC3', *Manual on disciplinary procedures in the Malta Public Service (February 2017)*. F'din is-seduta sar kontro-ezami ta' Ms. Angele Cilia Degiorgio, ossia r-rapprezentanta tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, xehed ukoll is-sur Charles Mizzi li kien prodott mill-Ministeru ntimat.

Is-sinjura Angele Cilia Degiorgio in kontro-ezami kkjarifikat ghal dak li kienet xehdet fis-seduta precedenti, ossia s-seduta tat-2 t'Ottubru 2018, fejn kienet xehdet li r-rikorrent kien impjegat b'kuntratt indefint. Ix-xhud, in kontro-ezami spjegat li hemm impjegati li jkunu ngaggati fuq

---

[6] Seduta 16 ta' Jannar 2018, xiehda in ri-ezami ta' Bernardette Ellul Felice, pagna 13 tat-traskrizzjoni.
[7] Seduta 20 ta' Marzu 2018, xiehda tar-rikorrent, Justin Camilleri, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[8] Seduta 2 ta' Ottubru 2018, xiehda ta' Angele Cilia Degiorgio, pagna 1 tat-tarskrizzjoni.

kuntratt defint, bhal diretturi u li jkunu ngaggati fuq perjodu ta' tlett snin u hemm impjegati ohrajn li jkunu ngaggati fuq perjodu defint, li jkunu progetti tal-Unjoni Ewropeja (E.U.)[9]. In ri-ezami x-xhud, fuq domanda tal-konsulent legali tar-rikorrent wiegbet li r-rikorrent kien impjegat bhala persuna ta' fiducja (*person of trust*) mall-Ministeru ntimat.

Ix-xhud spjegat ukoll li ma kinietx taf jekk persuni ta' fiducja kienux jaqghu taht il-kompetenza tal-Kummissjoni ghas-Serivizz Pubbliku. Kienu l-ufficjali pubblici li kienu jaqghu taht il-Kummissjoni u dan peress li kienu jigi appuntanti skont il-Kostituzzjoni. Ix-xhud wiegbet li kien ufficjal pubbliku kien jircievi salarju ghal dik il-funzjoni pubblika. Ix-xhud, izda baqghet issostni li persuna ta' fiducja ma huwiex ufficjal pubbliku u li ma jaqax taht ir-regolamenti tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku[10].

Dwar linji gwida ghal dawn l-persuni ngaggati fuq bazi ta' fiducja, x-xhud spjegat li jista` jkun hemm xi linji gwida mill-Ministeru li jkunu ngagghom, izda dawn ma jaqghux taht il-Kummissjoni. Persuna ta' fiducja jkun responsabbli lejn dak il-Ministeru li jkun ingaggah bhala *person of trust*, sostniet ix-xhud.

Fl-istess seduta xehed ukoll s-sur Charles Mizzi, u li fil-perjodu ta' din il-kwistjoni odjerna kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Ezekuttiv, u li kien inkarigat mill-*media* u l-*marketing* tal-Presidenza. Dwar ir-rikorrent dan ix-xhud sostna li kien impjegat fuq bazi ta' persuna ta' fiducja u li kellu kunidzzjonjiet specifici. Ix-xhud spejga li kienet saret intervista lir-rikorrent u sussegwentement gie ngaggat mall-Ministeru ntimat.

Dan ix-xhud sostna li r-rikorrent kellu jiehu hsieb il-*media accreditation* matul il-Presidenza. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fil-verifika (*vetting*) tal-gurnalisti, u dan peress li kienu gew hafna gurnalisti u ghalhekk kien hemm il-htiega li jsir dan il-process ta' verifika. Meta kien inbeda dan il-process ir-rikorrent ma kienx integra u ghalhekk kellha tigi ngaggata persuna ohra ghal dan ir-rwol. Mill-banda l-ohra r-rikorrent kien gie moghti xoghol iehor, l-ewwel kien inghata xoghol fil-P.R., fejn ir-rikorrent kellu jiehu hsieb il-kitba fil-gazzetti. F'dan ir-rwol, spjega x-xhud, ir-rikorrent ukoll ma kienx lahaq dak il-livell mistenni minnu, u gie assenjat ghas-sezzjoni tal-*media monitoring*.

F'din il-kariga r-rikorrent rega' ma lahaqax l-aspettattivi mistennija minnu. Ix-xhud sostna li kien ircievi lmenti minghand xi diretturi li qalulu li r-rikorrent ma kienx kiteb dak li kienu qalu huma meta kienu jinkitbu l-artikli li kien jikteb ir-rikorrent. Dan kien isir billi r-rikorrent kien imur igib l-informazzjoni minghand dawn id-diretturi izda kien ikun hemm divergenzi f'dak li kien jinkiteb. Dan ix-xhud spejga li l-akbar problema kienet inqaghlet meta bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju, u dan wara li kienu dahlu diversi membri fit-*team* tal-Presidenza u li r-rikorrent kien jaqa' taht *Team Leader,* u li ma' din il-persuna r-rikorrent kellu diversi konflitti (*clashes*)[11].

---

[9] Seduta tal-4 ta' Dicembru 2018, xiehda in kontro-ezami Angele Cilia Degiorgio, pagna 1 tat-tarskrizzjoni.
[10] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[11] Seduta tal-4 ta' Dicembru 2018, xiehda tas-sur Charles Mizzi, pagna 6 tat-traskrizzjoni.

Dan ix-xhud semma' kif meta hu kien se johrog bil-vaganzi f'Awwissu kienet inqaghlet kwistjoni bejn ir-rikorrent u din il-persuna, u li hu kien kellimhom t-tnejn, fejn kien spjegalhom li ried li tinstab soluzzjoni. Dan ix-xhud sostna li r-rikorrent kien qal kliem dispregjattiv fil-konfont ta' din il-persuna u x-xhud kien widdbu verbalment, u dan ghax ma setghax jittollera certu attitudni. Ix-xhud qal li ghalkemm il-konflitti bejn ir-rikorrent u din il-persuna kienu waqfu dawn ma kienux jitkellmu. Kif ra hekk ix-xhud kien iddecieda li jcaqqlaq lir-rikorrent taht *manager* ohra, u jibqa' jaghmel l-istess xoghol.

Dan ix-xhud spjega li hu kien irraporta lill-Ministeru sabiex jnformah b'dak li kien gara, u cioe` li r-rikorrent kien qal certu kliem li ma kienx xieraq fil-konfront ta' din il-persuna (*Team Leader*). Min-naha tal-Ministeru kienu talbu lix-xhud sabiex jaghmel dan ir-rapport bil-miktub, u eventwalment il-Ministeru ddecieda li jittermina l-kuntratt tar-rikorrent[12].

Ix-xhud sostna li sakemm gie tterminat ir-rikorrent dejjem kien sar djalogu mieghu sabiex tigi rrangata s-sitwazzjoni. Ix-xhud sahaq li r-rikorrent kien jipprova jaghmel mill-ahjar, izda kienu jibdlulu x-xoghol sakemm kien inkarigat mill-*media monitoring*, u eventwalment gie tterminat.

Dwar il-kariga originali, ossia dik ta' *Media Accreditation Executive,* u li ghalija kien gie ngaggat ir-rikorrent, ix-xhud spjega li kienet giet rekrutata persuna ohra fuq l-istess kundizzjonjiet tar-rikorrent, ossia fuq bazi ta' persuna ta' fiducja (*position of trust)*.

In kontro-ezami x-xhud wiegeb li r-rikorrent kien gie appuntat mill-Ministeru ntimat. Dwar il-posizzjoni tar-rikorrent jekk kinietx aktar tenibbli, u jekk qattx ittiehdux proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu, x-xhud wiegeb li qatt ma kienu ttiehdu. Ix-xhud spjega li kien ried jaghtih opportunita` ohra. Ix-xhud sostna li wara li r-rikorrent kien mar fil-fergha tal-*content writing*, u li r-rikorrent ukoll ma kienx adatatt ghal dan ir-rwol, ir-rikorrent kien inghata rwol iehor, dak ta' *media monitoring* u li kien it-tielet rwol.

Dwar dak li hemm miktub fir-rapporti dwar ir-rikorrent, u cioe` li kien jitlajja gol-ufficcju, x-xhud wiegeb li hu kiteb dak li kien gie lilu rapportat mid-Diretturi l-ohra, fejn kienu qalulu li r-rikorrent kien joqghod idur fl-ufficcju meta hu (x-xhud) ma jkunx hemm. L-ufficcju kien maqsum ma' persuni ohra sahaq ix-xhud. Ix-xhud sostna li r-rikorrent kien idum wara l-*break* u x-xhud kien gibidlu l-attenzjoni fuq hekk ukoll, u dan kien fil-bidu tal-impieg tar-rikorrent[13].

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2019 tkompla l-kontro-ezami tas-sur Charles Mizzi, fejn wiegeb ghad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrent. Ix-xhud beda billi spjega li l-akkreditazzjoni tal-gurnalisti bdiet fl-ahhar 2016 u dan qabel ma bdiet il-Presidenza li Malta kellha fl-ewwel sitt xhur tal-2017[14].

Ghad-domanda meta r-rikorrent kien inghata t-twissija verbali (*verbal warning*) kienx iffirma ghaliha, x-xhud wiegeb li ma kienx iffirma. Ix-xhud sostna li kien biss kellmu. Dan kien ghamlu

---

[12] Seduta tal-4 ta' Dicembru 2018, xiehda tas-sur Chalres Mizzi, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[13] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.
[14] Seduta tal-5 ta' Frar 2019, xiehda in kontro-ezami tas-sur Charles Mizzi, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

ghax ix-xhud kien jemmen li persuna ghandha tinghata opportunita` ohra. Ix-xhud baqa' jsostni li dejjem verbalment wissa' lir-rikorrent u qatt ma tah l-ebda twissja bil-miktub. Jekk allura dik il-kwistjoni kinietx tigi sorvolata x-xhud wiegeb li iva, u li kien jigri kien li jekk jara li ma kienux jaslu kien jinbidel ix-xoghol kif fil-fatt gara. Ix-xhud ikkonferma li dejjem verbalment wissieh lir-rikorrent[15].

## Trattazzjoni Finali

Il-partijiet ghat-trattazzjonjiet taghhom ipprezentaw zewg noti ta' sottomissjonijiet u kif ukoll ghamlu trattazzjoni verbali. In-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent giet ipprezentata fit-22 ta' Marzu 2019 u dik tal-Ministeru ntimat fis-26 t'April 2019.

Illi fin-nota tar-rikorrent issir referenza ghal dak li gara matul il-perjodu tal-impieg tar-rikorrent fejn fin-nota ssir referenza li r-rikorrent qatt ma kien inghata twissija formali jew kien hemm xi proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghi. Issir ukoll referenza ghax-xiehda ta' Charles Mizzi fejn isemmi li certi konflitti (clashes) li kellu r-rikorrent kienu gew risolti u qatt ma kien aktar. Cio nonostante, kien sar rapport dwar dak lill-Ministeru u sussegwentement ir-rikorrent gie tterminat mill-impieg tieghu. Fin-nota jigi sottomess li r-rikorrent ma giex itterminat mill-impieg ghar-ragunijiet dixxiplinarji izda l-Ministeru ntimat ittermina l-impieg a bazi ta' klawsola 12 tal-kuntratt tal-impieg u dan billi hallas gimgahtejn paga lir-rikorrent[16].

Fin-nota ta' sottomissjonjiet ir-rikorrent jsostni li hu qatt ma nghata l-opportunita li jikkontesta t-terminazzjoni tieghu meta t-terminazzjoni tieghu kienet ghar-ragunijiet dixxiplinarji. Hawnhekk fin-nota ssir referenza ghall-fatt li Charles Mizzi kellu jiehu azzjoni fuq rapport li kienu saru fil-konfront tar-rikorrent mill-istess kollegi tar-rikorrent, u dan ghal cirkostanzi li sehhew meta l-istess Charles ma kienx prezenti.

In-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent tirrileva li f'dawn il-proceduri ma tharkux il-persuni li ghamlu r-rapporti fil-konfront tar-rikorrent sabiex jaghtu x-xiehda taghhom. In oltre, ma hemm l-ebda rapport fil-fajl tar-rikorrent hlief dak tas-sur Mizzi, u dan sostna r-rikorrent fin-nota tieghu, jikkostitwixxi *detto del detto*. Ir-rikorrent jilmenta li dan hu fatt stramb hafna kif zewg dokumenti li ddahhlu fil-fajl personali tieghu u dan minghajr qatt hu kien infurmat bihom. Dan meta kull min jircievi dawn it-tip ta' rapporti jkun irid jiffirma ghalihom sabiex ikun jista' jirribatti jew ittejjeb is-sitwazzjoni tieghu. Illi ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent ihoss li t-tkeccija tieghu kienet kapriccuza u bbazata fuq tixwix u ghajdut li saru fil-konfornt tieghu[17].

Ir-rikorrent jaghmel referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81 precizament ghal Regolament 8, liema Legislazzjoni Sussidjarja tikkoncerna Kuntratti ta' Servizzi ghal Terminu ta' Zmien Fiss. Fin-nota tieghu r-rikorrent jincita ukoll Regolament 4 fejn jirrigwardja l-principju ta' non-diskriminazzjoni. Issir ukoll referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjaraja 452.99, liema legislazzjoni

[15] Seduta tal-5 ta' Frar 2019, xiehda in kontro-ezami tas-sur Charles Mizzi, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[16] Nota tas-sottomissjonjiet tar-rikorrent, pagna 3.
[17] Ibid, pagna 3.

sussidjarja hija dwar Regolamenti li Jestendu l-Applikazzjonjiet ta' Dispozizzjonjiet dwar Kuntratti ta' Servizz Ghal Terminu ta' Zmien Fiss ghal Servizzi mall-Gvern. Ir-rikorrent ukoll jaghmel referenza ghal din il-Legislazzjoni Sussidjarja u jargumenta li tapplika esperessament ghal kaz tieghu. In oltre, r-rikorrent jissottometti li l-Ministeru ntimat naqas milli jgib prova fejn turi li jezistu ragunjiet validi li jkun jista` jiddiskrimina bejn impjegat impjegat fuq zmien indefinit u impjegat fuq zmien definit, u dan ghal dak li jikkoncerna proceduri dixxiplinarji li jittiehdu kontra tali mpjegati.

Fin-nota ta' sottomissjonjiet tar-rikorrent isir referenza ghal meta tista' ssir terminazzjoni fir-rigward ta' kuntratti ta' zmien fiss. Dawn l-istanti huma meta jkun hemm raguni tajba u kif ukoll li tkun skont artiklu 36 (11) tal-Kap 452, ossia li l-impjegat jithallas nofs il-paga ghar-rimanenti zmien[18].

Dwar id-diskriminazzjoni, r-rikorrent jissottometti li din tirrizulta ampjament, *ictu oculi*. Ix-xhieda tal-Ministeru ntimat addottaw attitudni fejn kienu jqisu li r-rikorrent li ghax kien impjegat fuq kuntratt fiss ta' sena dan ma kienx protett bil-ligi u li seta' jigi tterminat facilment. In oltre, ma nzammmet l-ebda procedura ta' dixxiplina jew twissija fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jsostni li wara li kien inghata twiddiba minn Charles Mizzi, jew twissijia nformali, u kien adderixxa u adegwa ruhu, izda xorta twaqqaf mill-impieg tieghu. Ir-rikorrent jissottometti li dan kollu hu rragonevoli u diskriminatorju[19].

In oltre, jsostni r-rikorrent fin-nota tieghu li kien hemm xi lmenti fil-konfront tieghu u li hu ma nghata l-ebda oppurtunita` sabiex jirribatti ghal dawn l-imenti. Il-Ministeru ntimat applika klawsola numru 12, u li skont ir-rikorrent dan sar b'mod skorrett. Ir-rikorrent jaghlaq in-nota ta' sottomissjonjiet tieghu fejn jishaq li hu kien impjegat sa Lulju 2017, ossia meta giet fi tmiemha l-Presidenza ta' Malta. Ir-rikorrent ghalhekk ihoss li ghandu jinghata t-telf ta' salarju li hu sofra sal-1 ta' Marzu 2017.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-Ministeru ntimat sostna li r-rikorrent kien impjegat bhala persuna ta' fiducja (*person of trust*) u ghalhekk dawn it-tip ta' mpjiegi huma *sui generis*, mhux bhala ufficjal pubbliku u regolat bil-kundizzjonijeit ta' dak il-kuntratt. Dan kien gie kkonfermat mix-xhud Angele Cilia Degiorgio, fejn spjegat li r-rikorrent kien ingaggat mill-Ministeru dirett u mhux tramite l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Illi ghalhekk ir-rikorrent ma kienux japplikaw ghalih ir-regolamenti u d-dispozizzjonjiet tal-*Public Service Management Code*, tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, il-*Manual on disciplinary procedures in the Malta Public Service* u kif ukoll ir-Regolamenti tal-Procedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Illi ghal din ir-raguni, sostna l-Ministeru ntimat, it-Tribunal ghandu jiskarta dawn ir-regolamenti u manwali ta' procedura kollha[20].

---

[18] Nota tas-sottomissjonjiet tar-rikorrent, pagna 5.
[19] Ibid, pagna 5.
[20] Nota ta' sottomissjonjiet Ministeru ntimat, pagna 2.

Il-Ministeru ntimat jissottometti li l-kuntratt li sar bejn il-partijiet ghandu s-sahha tal-ligi u kif ukoll japplika l-principju tal-*pacta sunt servanda*, l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti. In oltre, ssir referenza ghall-Konvenzjoni ta' Vienna, precizament artikolu 26, u li dan il-principju hu rifless f'artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-imsemmija nota ta' sottomissjonjiet ssir referenza ghad-decizjonji moghtija mill-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Beacom et vs Spiteri Staines tal-5 t'Ottubru 1998, liema decizjoni tikkoncerna propju l-importanza tal-kuntratti. Il-Ministeru ntimat jaghmel referenza ukoll ghad-decizjoni preliminari numru 1734, moghtija mit-Tribunal Industrijali fil-25 t'Ottubru 2006, fl-ismijiet Micheal George Done vs Rimus Riley Limited, li wkoll titratta l-importanza tal-kuntratti u li dawn ghandhom jigu rispettati. Di piu', fin-nota tieghu l-Ministeru ntimat jsostni li l-kuntratt li sar bejn il-partijiet hu validu u li mhuwiex kontra l-ligi, u dan b'referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim Awla fit-8 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Mary Rose sive Mary Falzon Manduca vs Mario Grima. F'din i-decizjoni hemm ribadit li "*l-ebda qorti m'ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ggibu ma jiswiex*"[21].

Il-Ministeru jkompli jsostni permezz ta' referenzi ghal decizjonjiet ohra moghtija mill-Qrati nostrani dwar l-importanza tal-kuntratti u li dawn jirriflettu l-volonta` tal-partijiet u li l-qorti ma ghandhiex tiddisturba dak li fthemu l-partijiet. In oltre, ssir referenza ghal *bona fide* da parti tal-Ministeru ntimat li dejjem irispetta t-termini tal-kuntratt bl-istess *bona fide*.

Ghal dak li ppattegaw il-partijiet, il-Ministeru ntimat jsostni, li r-rikorrent gie mpjegat ghal perjodu ta' sena bhala pesuna ta' fiducja. Ghalhekk fi klawsola 4.2 hemm raguni oggettiva ghaliex ma jinkwadrax taht il-principju tal-erba' snin impjieg kontinwu, u li dan jikkonverti ghal kuntratt indefinti. Din hija r-raguni oggettiva li ai fini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.51 ghaliex il-kuntratt in dezamina, skont l-imsemmija klawsola 4.2 ma jinkwadrax fir-regolamenti tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja. Ir-rikorrent, sostna l-Ministeru ntimat, gie ngaggat a tenur ta' regolament 7 (4) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81, bhala persuna ta' fiducja.

In oltre, l-Ministeru ntimat, fin-nota tieghu, jissottometti li r-raguni oggettiva li qieghda tissemma' ghandha ssir ukoll referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.99 fejn issir referenza ghall-artikolu 34 (1) u (3) tal-Kap 452 u l-istess regolamenti li nhargu tahthom huma applikabbli ghal sevizzi mall-Gvern. L-intimat Ministeru fin-nota tieghu jsostni li tezisti raguni oggettiva u, li hija valida ghal din il-kwistjoni ta' xoghol, u dan peress li twaqqa' l-argumenti tar-rikorrent li bbaza fuq regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.81[22].

Il-Ministeru ntimat fin-nota tieghu jaghmel referenza ghall-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' xoghol tar-rikorrent fejn jiccita xi klawsoli mill-istess kuntratt. Fin-nota tigi ccitata klawsola numru 11 li tikkoncerna l-obbligu tal-impjegat li jaqdi dmiru skont it-termini tal-kuntratt u li jekk jonqos milli jaghmel dan l-impieg jigi tterminat. Klawsola 12 tal-istess kuntratt tistipula l-modilita` kif dan il-kuntratt jista' jigi tterminat, fejn hemm stipulat li l-Gvern jista' jittermina l-kuntratt f'kull zmien billi jaghti preavviz ta' xahar bil-miktub jew ihallas is-salarju ta' gimghatejn. In oltre, jsostni l-

[21] Nota ta' sottomissjonjiet Ministeru ntimat, pagna 3.
[22] Ibid, pagna 4.

Ministeru ntimat fin-nota tieghu, l-kuntratt ta' bejn il-partijiet huwa *lex specialis.* Dwar il-hlas ta' nofs il-paga ghall-perjodu li jkun fadal, Legislazzjoni Sussidjarja 452.99 ma tindika xejn li artikolu 36 (11) tal-Kap 452 ghandu japplika ghas-servizzi mall-Gvern.

Dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt, issir referenza ghall-klawsola 13 fejn l-istess rikorrent ukoll kellu din il-fakolta` li jittermina l-kuntratt meta ried hu wara li jkun ghadda xahar mill-istess kuntratt. Il-Ministeru ntimat jishaq li dawn iz-zewg klawsoli jaghtu l-ugwaljanza tal-armi (*equality of arms*) kemm lill-impjegat u kemm lil-principal, f'dan il-kaz il-Gvern. Illi ghalhekk kemm ir-rikorrent u kemm il-Minsiteru kienu konsapevoli minn din il-kundizzjoni stipulata fil-kuntratt. In oltre, jkompli l-Ministeru ntimat fin-nota tieghu, r-rikorrent ma giex itterminat mill-ewwel izda nghata opportunijiet ohra sabiex ikun jista' jirranga s-sitwazzjoni, u dan kif spjega fix-xiehda tieghu s-sur Charles Mizzi, l-persuna li ta dawn l-opportunijiet lir-rikorrent.

In oltre, din il-persuna kienet taf b'dan kollu ghax kienet tahdem qrib ir-rikorrent u ghalhekk kien jaf x' kien qieghed jghid, u x-xiehda tieghu ma tistax tigi kkonsidrata bhala *detto del detto*, sottometta l-Ministeru ntimat fin-nota tieghu[23].

Il-Ministeru ntimat sostna li mix-xiehda tas-sur Charles Mizzi rrizulta li kien ir-rikorrent li kien skorret fuq xogholu u li kiser l-obbligu li hu kellu fil-kuntratt, u li kien obbligat li josserva. In oltre, kellha tigi ngaggata persuna ohra sabiex taghmel ix-xoghol tar-rikorrent, u dan stante li r-rikorrent naqas minn dmirijietu. Dan kollu hu hela ta' flus mit-taxxi tal-poplu sottometta l-Ministeru ntimat.

Fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu, l-Ministeru ntimat jkompli jargumenta, billi jsostni li r-rikorrent ghalkemm kien inghata xoghol iehor xorta ma kienx qeda dmiru tajjeb. Dan kollu wassal ghat-terminazzjoni tal-kuntratt tar-rikorrent u li dan ma sarx b'mod kapriccuz jew minhabba tixwix jew xi ghajdut.

Di piu', l-intimat Ministeru jishaq li jekk kien hemm xi hadd li mar minn taht kien l-istess Minsiteru u mhux ir-rikorrent li ma qediex dmirijietu, u dan peress li kellha tigi mpejgata persuna ohra, u li dan kollu nkorpora spejjez zejda a karigu tal-poplu[24].

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kaz in dezamina jittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, Justin Camilleri, gie mpjegat bhala persuna ta' fiducja (*person of trust*) mill-Ministeru Ghall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, bhala *Media Accreditation Executive* ghall perjodu ta' sena. Ir-rikorrent kellu jirrendi servizzi konnessi mall-Presidenza ta' Malta fis-sena 2017. Illi kif irrizulta mis-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol ir-rikorrent, Justin Camilleri, kellu dan il-kuntratt itterminat.

Dan it-Tribunal jibda biex jikkonsidra billi janalizza x'irrizulta mix-xhieda prodotti f'din il-kwistjoni ta' xoghol, u kif ukoll il-kuntratt innifsu. Mix-xiehda ta' Christine Madiona rrizulta li r-ikorrent kien

[23] Nota ta' sottomissjonjiet Ministeru ntimat, pagna 5.
[24] Ibid, pagna 6.

impjegat bhala *special person of trust* mall-Ministeru ntimat. In oltre, rrizulta ukoll li mix-xhieda ta' Angele Cilia Degiorgio li min ikun impjegat b'dawn it-tip ta' kuntratti ma jaqax taht il-kompetenza tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku (*Public Service Commission*). Dawn it-tip ta' mpjegati jkunu direttament responsabbli mall-Ministeru li jkunu ngaggahom, bhas-sitwazzjoni tar-rikorrent. Illi ghalhekk l-ebda sett ta' regolamenti jew manwali ta' dixxiplina li hemm fis-Settur Pubbliku ma japplikaw ghar-rikorrent.

Illi dan it-Tribunal jinnota li fid-deposizzjoni ta' sur Charles Mizzi johrog car li r-rikorrent kien ikollu diversi konflitti mall-kollegi tieghu, specjalment ma' persuna partikolari, u li isimha qatt ma gie zvelat, kull ma rrizulta kien li din il-persuna kienet *Team Leader*. In oltre, sur Mizzi spjega fix-xiehda tieghu li hu kien tkellem kemm ma' din it-*Team Leader* u kemm mar-rikorrent fuq is-sitwazzjoni ta' bejniethom. Mix-xiehda ta' Charles Mizzi rrizulta ukoll li r-rikorrenti kien qal kliem dispregjattiv fil-konfront ta' din il-persuna u li kien widdeb lir-rikorrent b'mod verbali. Kien irrizulta li wara li kienet saret din il-laqgha il-konflitti bejn ir-rikorrent u din il-persuna kienu spiccaw. In oltre, skont is-sur Mizzi, hu kien ghazel li jcaqqlaq lir-rikorrent u jpoggieh taht *manager* ohra. Mandakollu is-sur Mizzi kien ghamel rapport lill-Ministeru dwar dak li kien qal ir-rikorrent fil-konfront ta' din il-persuna u kien mitlub li dan ir-rapport isir bil-mkitub. Sussegwentement, il-Ministeru kien iddecieda li jittermina l-kuntratt tar-rikorrent.

Dan it-Tribunal fir-rigward ta' din ix-xhud hu tal-fehma li ghalkemm kien il-persuna li tahtu kien jaqa' r-rikorrent hu stess qatt ma kien prezenti meta kien hemm dawn l-argumenti bejn ir-rikorrent u t-*Team Leader*. Mill-banda l-ohra pero` l-istess rikorrent kien qal kliem dispregjattiv fil-presenza ta' dan ix-xhud fil-konfront ta' din il-persuna, ossia t-*Team Leader*. Cio nonostante, dan it-Tribunal ihoss li huwa fatt stramb li din il-persuna, ossia t-*Team Leader*, qatt ma ssemmiet b'isimha u *multo magis* qatt ma tharrket bhala xhud sabiex taghti l-verzjoni taghha tal-fatti mill-*punto di vista* taghha. In oltre, dan ix-xhud strah fuq dak li qalulu d-diretturi, u cioe` li meta r-rikorrent kien inkarigat li jikteb l-artikoli u dan wara li hu jkun tkellem ma' dawn id-diretturi, r-rikorrent kien jikteb diversament minn dak li jkunu qalulu d-diretturi. Ukoll f'din l-istanti hadd minn dawn id-diretturi ma tressqu sabiex jaghtu x-xiehda taghhom.

Min-naha tal-Ministeru ntimat, ir-rapprezentanti legali tieghu qeghdin jsostnu li bejniethom hemm biss kuntratt ghal zmien fiss, precizament ta' sena, u ghalhekk ghandu jigi applikat il-principju assodat fl-istatut tal-kuntartti, u cioe` *pacta sunt servanda*. Illi dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju li r-rikorrent kien regolat b'kuntratt ta' mpieg ghal zmien fiss, ossia ta' sena. L-awtur Norman Selwyn dwar dawn it-tip ta' kuntratti jghid:

> "A fixed-term contract is a contract of employment for a special period of time, ie, with defined a beginning and a defined end (Wilthsire County Council v National Association of Teachers in Further and Higher Education and Guy). As a general rule, such contract cannot be terminated before its expiry date except for gross misconduct or by mutual consent (Lyritzis v Inmarsut). However, a contract can still be for a fixed term if it contains within it a provision enabling either

side to terminate it on giving notice before the term expires (Allen v National Australia Group Europe Ltd)[25]".

Minn dan il-bran, u applikat ghas-sitwazzjoni odjerna jirrizulta li l-kuntratt tar-rikorrent jinkwadra f'dak hawn riportat. Di piu', l-kuntratt tar-rikorrent kien fuq bazi ta' fiducja, liema kuntratti huma min-natura taghhom *sui generis*. Dan jitfa' ukoll piz fuq ir-rikorrent li hu gie ngaggat u nghata tali kuntratt peress li ghandu l-fiducja shiha ta' min igaggah, f'dan il-kaz il-Ministeru ntimat. Ir-rikorrent apparti, l-kundizzjonjiet stipulati fl-imsemmi kuntratt, ghandu wkoll l-obbligu li jonora u jirrikambja dik il-fiducja li nghatat lilu minn min fdah b'dak l-inkarigu.

It-Tribunal jikkonsidra ukoll li ghalkemm saret referenza ghal din il-persuna li kienet it-*Team Leader* din qatt ma tharrket sabiex tixhed dwar il-problemi li kellha mar-rikorrent. It-Tribunal kull ma ghandu quddiemu hija x-xiehda ta' Charles Mizzi. In oltre, meta sar ir-rapport lill-Ministeru dwar dak li sehh ittiehdet decizjoni li jigi tterminat b'mod immedjat il-kuntratt tar-rikorrent.

It-Tribunal jifhem li fejn ikun hemm diversi persuni jahdmu flimkien huwa normali li jinqalghu kwistjonjiet u malintizi bejniethom. Is-sitwazzjoni odjerna zgur li ma hijiex eccezzjoni specjalment tenut kont tal-fatt li dawn l-impjegati kellhom mansjoni hekk kbira fejn kienu fdati bl-organizazzjoni tal-Presidenza ta' Malta. F'dawn is-sitwazzjonjiet it-tensjoni tkun gholja hafna, fejn ikun irid jintlahaq il-livell mehtieg u f'cirkostanzi simili huwa normali li jinqaghlu konflitti, battibekki u argumenti minhabba nuqqas ta' qbil. Cio nonostante, tali mpjegati ghandhom ikunu ukoll razzjonjali f'dak li jghidu u kif jagixxu, ghax wara kollox huma nies professjonali u li gew ingaggati propju ghalhekk. Ir-rikorrent kif irrizulta mill-provi qal kliem dispregjattiv fil-konfront tal-persuna li maghha kien assenjat.

F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal iqis li ghalkemm ir-rikorrent kellu dan il-kuntratt ghal zmien fiss ta' sena u tenut kont tac-cirkostanzi li nqaghlu l-istess rikorrent kellu tal-inqas jinghata l-opportunita` li jressaq il-verzjoni tieghu quddiem il-Ministeru ntimat, ossia l-principal tieghu, u dan stante li hu kien gie ngaggat minnu.

Illi t-Tribunal ghalkemm jifhem l-argumenti mressqa fin-nota ta' sottomissjonjiet tal-Ministeru ntimat dwar il-fatt li r-rikorrent kien regolat bil-kuntratt ta' zmien fiss ta' sena, u li ghalhekk il-principju kardinali tal-istatut tal-kuntratti *pacta sunt servanda* ghandu jigi applikat, mill-banda l-ohra xoghol it-Tribunal hu li jara li meta jigi tterminat kuntratt ta' xoghol dan ma jsirx b'mod arbitrarju. Illi ghalkemm ir-rikorrent ghamel diversi nuqqasijiet u huwa regolat b'kuntratt fiss ta' sena bhala persuna ta' fiducja, mill-banda l-ohra ghandu jkun hemm bilanc bejn id-drittijiet tal-principal u tal-impjegat.

L-imsemmi awtur, Norman Selwyn, dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali fl-ambitu tal-qasam tal-impiegi jsostni: -

3.2 However, tradition legal reasoning based on the law of contract does not always sit comfortably with the expansion of workers' rights

[25] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – par. 2.129, p. 69.

which has occurred over the past few decades, partly because of the acknowledged inequality of bargaining power between the parties, but also because a contract of employment involves a continuing relationship, unlike most other forms of contracts which are generally single transactions. In the world of employment, the parties have to live together and work together over a period of time. There has to be an element of trust and confidence. If there are areas where strict adherence to contractual rights can produce inequitable results, traditional contract doctrines may be circumvented. Consequently, the courts thus developed and expanded the doctrine of implied trust and respect which is sometimes used to override strict contractual obligations, on the basis that the exercise of contractual powers by management is subject to that power being exercised reasonably and not in an unconscionable manner[26].

Fil-kwistjoni odjerna l-fattispeci taghha tikkoncerna lmenti li saru minn impjegati li kienu jahdmu mar-rikorrent. Ir-raguni moghtija ghat-terminazzjoni hi bbazata fuq klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' mpieg tar-rikorrent. Din il-klawsola tistipula: -

> "This agreement may be terminated by the Government at any time on one month's notice in writing or a payment of two week's salary"[27].

Illi din il-klawsola u l-istess klawosla 13, jaghtu l-fakolta` lill-partijiet li jitterminaw il-kuntratt u dan skont il-kundizzjonjiet li hemm stipulati. It-Tribunal jikkonsidra li la kien hemm din il-kwistjoni ghaddejja bejn ir-rikorrent u l-impjegati, l-Ministeru ntimat kellu, tal-inqas, imqar jisma' lir-rikorrent u lill-impjegati u jiddeciedi a bazi ta' dak li jirrizulta. It-Tribunal iqis li ghalkemm kien hemm dan il-kuntratt ta' zmien fiss ta' sena u l-mod kif gie tterminat r-rikorrent, il-Ministeru ntimat naqas milli josserva principju baziku tal-gustizzja naturali, *audi alteram partem*. Il-Ministeru ntimat kellu jisma' lill-partijiet u wara jiddeciedi a bazi ta' dak li jkun irrizultalu. Il-mod kif iddecieda l-intimat Ministeru dwar it-terminazzjoni tar-rikorrent hija arbitrarja tenut kont tac-cirkostanzi ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

Dan kollu jirrizulta mill-fajl tar-rikorrent fejn hemm korrispondenza skambjata bejn l-ufficjali tal-Ministeru u r-rapprezenatnti legali tar-rikorrent, u minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent tressaq quddiem xi bord tad-dixxiplina. It-terminazzjoni tieghu kienet deciza fuq ir-rapport tas-sur Charles Mizzi. It-Tribunal jifhem ukoll li s-sur Mizzi mexa b'certu kawtela meta assenja lir-rikorrent ma' *manager* ohra u li tah opportunita` ohra sabiex ir-rikorrent ikun jista` jtejjeb il-prestazzjoni tieghu, izda dan mhux bizzejjed[28].

Dawn il-kuntratti fejn impjegat jigi nagaggat fuq bazi ta' fiducja huma kuntratti *sui generis* u facilment jistghu jwasslu ghal certi abbuzi, minhabba l-inekwalita` bejn min ihaddem u l-impjegat. Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal

---

[26] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – par. 3.2, p. 82.
[27] Kuntratt ta' impieg tar-rikorrent Dok 'A'.
[28] DOK. 'JC', Fajl tar-rikorrent bin-numru MEAIM/83/2016.

ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna ukoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[29]. Din il-kwistjoni tippernja fuq il-fatt jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinietx ngusta u diskriminatorja. It-Tribunal iqis li kien hemm kemm kien hemm nuqqasijiet da parti tar-rikorrent dan kellu jinghata kull opportunita` li jiddefendi l-kaz tieghu. It-Tribunal iqis li l-argument tal-Ministeru ntimat li giet applikata klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' mpieg u li biha gie tterminat l-impieg tar-rikorrent mhux argument validu, u dan tenut kont tal-fatt ta' kif svolgiet is-sitwazzjoni bejn il-partijiet in kwistjoni.

## Decide

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq bhala kumpens it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni tal-provi kollha, analizza d-dokumenti esebiti, ha wkoll in konsiderazzjoni in-nuqqasijiet tar-rikorrent, qieghed jordna lill-Ministeru ntimat sabiex ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' xahrejn paga, liema ammont ghandu jithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Av. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

---

[29] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.